# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 5 t'April, 2022**

**Numru**

**Rikors Numru 771/2018 TA**

**Jesmar Abela (K.I.92082M)**

**vs**

**Antoine Camilleri (K.I.200485M)**

**Il-Qorti**

Rat ir-Rikors ġuramentat tal-Attur ippreżentat u maħluf fit-23 ta' Lulju 2018 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi r-rikorrenti għamel xogħolijiet ta' mekkanik u xtara parts għall-istess xogħolijiet għall-intimat Antoine Camilleri:

2. Illi meta saru dawn ix-xogħolijiet, l-intimat qatt ma ħallas l-ammonti dovuti minnu, għalkemm dan ġie interpellat diversi drabi:

3. Illi dawn ix-xogħolijiet u parts jammontaw għall-ammont ta' tlieta u għoxrin elf tmien mija u disgħa Ewro u erbgħa ċenteżmi (€23,809.04), u dan skont l-invoices annessi u mmarkati bħala Dok A u Dok B;

4. Illi l-ammont dovut favur ir-rikorrenti huwa ċert, likwidu u dovut, u fil-fehma tal-istess rikorrenti jikkonkorri l-elementi kollha taħt l-artikoli 167 et seq. tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, peress li fil-fehma tar-rikorrenti l-intimat ma għandu l-ebda eċċezzjoni valida fil-Liġi xi jressaq kontra t-talbiet rikorrenti;

RAGUNIJIET GHAT-TALBA

1. Illi għalhekk kellha tiġi istitwita din il-proċedura sabiex Antoine Camilleri jonora l-obligazzjonijiet tiegħu lejn ir-rikorrenti tax-xogħolijiet u parts li saru, liema xogħolijiet ġew debitament reżi u aċċettati mill-intimat;

TALBIET

Għaldaqstant, ir-rikorrenti umilment jitlob, għar-raġunijiet hawn fuq premessi li dina l-Onorabbli Qorti, previa occorrendo kull dikkjarazzjoni oħra neċessarja u opportuna, jogħġobha:

1. TIDDECIEDI din il-kawża bid-dispenza tas-smigħ, għall-finijiet tal-Artikoli 167 *et.seq* tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Civili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. TIKKUNDANNA lill-intimat jonora l-obligazzjonijiet tiegħu u jħallas lir-rikorrenti tax-xogħolijiet u parts skont l-invoices ammontanti għal-tlieta u għoxrin elf tmien mija u disgħa ewro u erbgħa ċenteżmi(23,809,04).

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra l-intimat li minn issa jibqa' inġunt sabiex jidher għas-subizzjoni u bl-imgħaxijiet skont il-liġi mid-data tan-notifika ta' dan ir-rikors ġuramentat sad-data tal-effettiv pagament.

Rat in-Nota preżentata mill-Konvenut fit-18 ta’ Settembru 2018 ai termini tal-Artikolu 170(1) tal-kap. 12 li permezz tagħha oppona li l-kawża tiġi trattata bid-dispensa tas-smiegħ għal raġunijiet segwenti:-

Illi l-esponenti jopponi fermament li l-kawża tiġi trattata bid-dispensa tas-smiegħ u dana peress illi huwa għandu eċċezzjonijiet validissimi xi jressaq kontra t-talbiet attriċi li jinkludu s-segwenti:

1 Illi preliminarjament l-attur kien ben konxju mill-fatt li l-esponenti għandu eċċezzjonijiet validi xi jressaq kontra t-talblet attriċi, u dan saħansitra ġie indikat fin-nota ta' kontestazzjoni imressqa mill-esponenti wara l-ittra uffiċjali ai termini tal-Artiklu 166A (ref. nru. 290/18), fejn l-esponenti fisser li huwa filfatt għandu kreditu favur l-attur Jesmar Abela. Għaldaqstant it-talba odjerna ma tissodisfax il-kriterji rikjesti biex il-proċeduri jassumu forma sommarja;

2.Illi fil-mertu, l-ebda ammont ma hu dovut mill-esponenti lill-attur u dan stante li:

(a) fl-ewwel lok, mhux talli l-esponenti ma għandu jagħti l-ebda ammont lill-attur, talli huwa l-attur li jrid iħallas lill-esponenti għal xogħlijiet li l-esponenti wettaq fuq inkarigu tiegħu, liema xogħlijiet jinkludu livellar, tneħħija ta' ħajt tas-sejjiegħ u demolizzjoni ta' soqfa, kif ser jirriżulta fis-smiegħ tal-kawża;

(b) ix-xogħol li sar mill-attur ma sarx skont is-sengħa u l-arti;

(c) di piu l-esponenti sofra danni addizzjonali peress li saħansitra kellu jinkariga terzi persuni biex jagħmlu xogħlijiet riparatorji, kif ser jirriżulta fis-smiegħ tal-kawża;

3. Illi inoltre u mingħajr preġudizzju għas-suespost l-ammont reklamat mill-attur fl-ittra uffiċjali surreferita (referenza numru 290/18, hawn annessa bħala Dok A) kien dak ta' erbatax-il elf, mija u sebgħa u sittin Ewro (€14,167), liema ammont kien ukoll allegatament dovut bħala bilanċ ta' ħlas għal xogħol ta' mechanic u parts. Għaldaqstant l-esponenti ma jistax jifhem kif l-istess ammontissa żdied għal tlieta u għoxrin elf, tmien mija u disgħa Ewro u erbgħa ċenteżmi (€23,809.04)

Għaldaqstant jiġi umilment sottomess illi huwa fl-interess tal-ġustizzja li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħti opportunità lis-soċjetà esponenti sabiex tressaq ir-risposta ġuramentata tagħha.

Rat id-digriet mogħti fil-verbal tat-18 ta' Settembru 2018 permezz ta' liema din il-Qorti, wara li rat l-artikolu 170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li semgħet lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw, laqgħet it-talba u pprefiġġiet lill-Konvenut żmien għoxrin ġurnata sabiex iressaq l-eċċezzjonijiet tiegħu ossia risposta ġuramentata skont il-liġi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut preżentata u maħlufa minnu fil-5 ta' Ottubru 2018 li permezz tagħha wieġeb u eċċepixxa s-segwenti:-

Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl- ispejjeż kontra l-istess rikorrenti:

Illi l-attur għandu jressaq il-prova tal-valur tax-xogħolijiet minnu allegatament rezi oltre l-parts li allegatament xtara billi li l-ammont mitlub f'din il-kawża u dak mitlub fl-ittra uffiċjali (166A) b'referenza 290/18 li bgħat ir-rikorrenti qabel din il-kawża huwa totalment differenti;

Illi l-esponenti irrenda diversi xogħolijiet a favur tar-rikorrenti u fuq struzzjonijiet tiegħu, liema xogħolijiet jammontaw għall-oltre minn dak mitlub mir-rikorrenti w għalhekk wara li sseħħ it-tpaċija bejniethom huwa l-esponenti li huwa kreditur tar-rikorrenti;

Illi fi kwalsiasi każ diversi xogħolijiet reżi mir-rikorrenti ma sarux skond is-sengħa w l-arti b'dan illi l-esponenti ġie kkawżat danni li ser jiġu mitluba fil-kontro-talba;

Salv eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi.

Rat li l-konvenut ipprevala ruħu mit-talbiet Attriċi u ppreżenta kontro-talba kontestwalment mar-risposta ġuramentata li permezz tagħha ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-esponent jagħmel xogħol ta tqattiħ ta siti ta kostruzzjoni kif ukoll ta' ġbir, ġarr u rimi ta' diversi materjali;

2. Illi fil-kors tax-xogħol tiegħu l-esponenti j'opera numru ta vetturi u makkinarju kummerċjali nkluż trucks u gaffef;

3. Illi l-attur jagħmel xogħol ta' riparazzjoni u tiswijiet ta' vetturi u makkinarju kummerċjali;

4. Illi l-esponenti kien inkariga lill-attur sabiex jagħmillu riparazzjonijiet fuq diversi vetturi u makkinarji tiegħu, fost liema kien hemm numru ta' xogħolijiet li ma sarux skond is-sengħa w l-arti u mhux a sodisfazzjoni tal-esponenti b'dan illi l-istess makkinarju u vetturi kellhom jittieħdu għand terzi sabiex jiġi riparati u dan hekk kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni ta din il-kawża, liema riparazzjoni da parti tal-attur apparti li kkawżaw danni lill-esponenti konsistenti minn telf ta xogħol u kiri ta' makkinarju mingħand terzi, l-attur qiegħed xorta jitlob ukoll il-ħlas ta dawn ir-riparazzjonijiet li ma sarux skond is-sengħa w l-arti u mhux a sodisfazzjoni tal-esponenti;

5. Illi l-attur kien inkariga lill-esponenti jagħmillu diversi xogħolijiet li jammontaw għall total ta' erba u għoxrin elf, erba mija u tnejn u tmenin ewro (€24,482) u dan hekk kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni ta din il-kawża;

Jgħid għalhekk ir-rikorrenti rikonvenzjonat għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti għar raġunijiet fuq esposti:

a. Tiddikjara li l-esponenti huwa kreditur tar-rikorrenti rikonvenzjonat fl-ammont ta' erba u għoxrin elf, erba mija u tnejn u tmenin ewro (€24,482) u konsegwentement tikkundanna lill-istess rikorrenti rikonvenzjonat sabiex iħallas dan l-ammont lill-esponenti;

b. Tiddikjara li r-rikorrenti rikonvenzjonat ma għamiltx it-tiswijiet u riparazzjonijiet fuq il-vetturi u makkinarju tal-esponenti skond is-sengħa w l-arti u a sodisfazzjoni ta' l-istess esponenti konsegwentement tillikwida okkorrendo, permezz ta' periti nominandi, d-danni sofferti konsistenti wkoll minn tiswijiet rimedjali u tikkundanna lill-rikorrenti rikonvenzjonat sabiex iħallas l-ammont likwidat lill-esponenti;

Bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti rikonvenzjonat, u bl-imgħaxijiet legali mid-data tax-xogħolijiet sad-data tal-pagament effettiv, li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-Attur għall-azzjoni rikonvenzjonali tal-Konvenut preżentata u maħlufa minnu fit-30 ta' Ottubru 2018, li permezz tagħha eċċepixxa s-segwenti:-

1. Illi t-talbiet tal-intimat huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-intimat stante li x-xogħolijiet kollha li saru fuq makkinarju u vetturi tal-intimati kienu magħmulin skont l-arti u s-sengħa.

2. Illi x-xogħolijet tant saru skont is-sengħa u l-arti illi l-intimat qatt qabel ma ġew intavolati dawn il-proċeduri ma semma li saru xogħolijiet ħżiena. L-attur ma ħadimx għall-intimat darba waħda biss iżda diversi drabi, u l-intimat żgur ma kienx se jerġa jmur għand l-attur sabiex jaħdimlu jekk l-attur għamel xogħol mhux skont l-arti u s-sengħa.

3. Illi fir-rigward tax-xogħolijiet li l-intimat qiegħed isostni li dan għamel għall-attur, l-attur jaqbel biss ma xogħolijiet fl-ammont ta' €3,750, liema ammont huwa mniżżel fl-invoices li l-attur ta lill-intimat. Ix-xogħolijiet l-oħra kollha li l-intimat qiegħed jallega li għamel għall-intimat ma sarux għall-intimat iżda għall-familjari tiegħu. L-unika xogħolijiet li saru għall-attur kienu twaqqiegħ ta' ħajt tas-sejjiegħ u twaqqiegħ ta' saqaf, kif ukoll ġarr ta' ħadid. Il-bqija tax-xogħolijiet ma sarux lill-attur iżda lill-terzi persuni u għalhekk m'għandux iħallas tagħhom l-attur innifsu.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawża;

Rat il-verbal tal-udjenza tat-3 ta' Frar 2022 fejn il-kawża tħalliet għal-llum għas-Sentenza.

**Punti ta’ fatti**

L-Attur istitwixxa dawn il-proċeduri sabiex il-Konvenut jiġi kkundannat iħallas lilu s-somma ta’ tlieta u għoxrin Elf, tmin mija u disgħa Ewro u erbgħa ċenteżmi (€23,809.04) oltre l-imgħax legali. L-Attur jsostni li din is-somma tirrapreżenta xogħolijiet ta’ mekkanik li l-Attur wettaq fuq trakkijiet tal-Konvenut fuq inkarigu tal-Konvenut stess bejn is-snin 2013 u 2017 (ara affidavit a’ fol 28 u kontro eżami a’ fol 106 u 109). Minn naħa tiegħu il-konvenut jgħid li kien għamel xi xogħol ta’ bini lill-Attur li ma tħallas tagħhom. Jgħid ukoll li ix-xogħol li wettaq l-Attur fuq l-inġenji tiegħu ma kienx skont l-arti u s-sengħa u għalhekk sofra d-danni. Kien għalhekk li preżenta kontro-talba.

**Punti ta’ Liġi**

L-azzjoni eżerċitata mill-Attur hija għalhekk waħda għall-ħlas ta’ bilanċ ta’ prezz ta’ materjal (parts) u ‘mano d’opera’.

L-Attur fetaħ din il-kawża bil-proċedura sommarja speċjali stabbilita taħt l-Artikolu 167(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta. Wara li l-Konvenut ikkontesta din l-azzjoni permezz ta’ nota preżentata a’ fol 14, din il-Qorti tgħat lilu l-permess li jopponi l-azzjoni u jippreżenta l-eċċezzjonijiet tiegħu (ara verbal datat 18 ta’ Settembru 2018). Il-kawża għalhekk issoktat timxi bil-proċediment ordinarju ai termini tal-artikolu 170 tal-istess Kap.

Minn naħa tiegħu, il-konvenut qua rikonvenzjonat, qed jeżerċita l-azzjoni kontra is-Socjeta’ Attriċi rikonvenzjonata għaliex wettqet xogħolijiet fuq il-vetturi tal-

konvenut li ma sarux skont l-arti u sengħa u kif ukoll għaliex għandu jirċievi ħlas ta' xogħol ta' kostruzzjoni mingħand l-Attur rikonvenzjonat. B'konsegwenza ta' hekk, il-konvenut sofra danni fl-ammont ta'erbgħa u għoxrin elf erbgħa mija u tnejn u tmenin ewro (€24,482).

Fi ftit kliem, il-pretensjonijiet reċiproci tal-partijiet huma naxxenti minn obbligi kuntrattwali. Il-ħlas ta' prezz u allura l-kuntratt ta' bejgħ u ċioe' *il-kuntratt li bih waħda mill-partijiet tintrabat li tagħti ħaġa lill-oħra bi prezz li din il-parti l-oħra tintrabat li tħallas lilha* (artikolu 1346 tal-Kodici Civili). Hemm ukoll il-kwistjoni ta' ħlas ta' appalt ta' *meta wieħed jiġi mqabbad għal xi xogħol, jista' jiġi miftiehem li hu għandu jagħti biss ix-xogħol jew is-sengħa tiegħu, inkella li jagħti wkoll il-materjal* (Artikolu 1633 tal-Kodiċi Ċivili). Fil-kontro-talba jitqanqal ukoll il-punt li l-appalat mogħti lill-Attur biex jesegwixxi xogħol fuq inġenji, ma ġiex esegwit skond l-arti u s-sengħa. F'dan ir-rigward il-Qrati tagħna dejjem jgħallmu li fil-każ ta' appalt il-metru li bih jitkejjel l-adempiment, hija dik tal-verifika ta' l-eżattezza u tal-bonta' tax-xogħol eżegwit in relazzjoni mar-riżultat ottenut.

Jekk allura jkunu jeżistu difetti fix-xogħol, ir-riżultat aħħari ma jistax ħlief jirrappreżenta fatti speċi ta' inadempiment u tali qagħda tagħti lok għad-danni, u min jitlobhom "*ikun qiegħed jippresupponi l-istat ta' nullita` ta' dak li sar, li kellu bħala konsegwenza l-inadempjenza"* (Ara **Sentenza fl-ismijiet Elvira Ċiantar Vinċenti -vs- Maria Giovanna Liberto et nomine, Appell Ċivili, tal-21 ta' Frar, 1938**).

**Konsiderazzjonijiet**

Il-Konvenut laqgħa għall-azzjoni Attriċi billi, permezz tan-nota ta' kontestazzjoni u risposta ġuramentata, ċaħad li għandu jħallas dan l-ammont reklamat (a' fol 14 u 18). Ir-raġuni li jagħti hi li l-"*esponenti* [konvenut] *irrenda diversi xogħolijiet a favur tar-rikorrenti u fuq struzzjonijiet tiegħu, liema xogħolijiet jammontaw għall-oltre minn dak mitlub mir-rikorrenti w għalhekk wara li sseħħ it-tpaċija bejniethom huwa l-*[konvenut] *esponenti li huwa kreditur tar-rikorrenti.*"

Fil-kontro-talba li preżenta kontestwalment mar-risposta tiegħu, il-Konvenut jippremetti li dawn id-diversi xogħolijiet jammontaw għall-total ta' erba' u għoxrin elf, erba mija u tnejn u tmenin Ewro (€24,482) (ara premessa numru 5 a' fol 21). Permezz tal-ewwel talba rikonvenzjonali, l-Konvenut rikonvenjenti fil-fatt qed jitlob lill-Qorti tiddikjarah kreditur tal-Attur rikonvenut f'dan l-ammont.

Fir-risposta ġuramentata tiegħu l-Konvenut żid jeċċepixxi wkoll li "*diversi xogħolijiet reżi mir-rikorrenti ma sarux skond is-sengħa w l-arti b'dan illi l-esponenti ġie kkawżat danni*". Din l-eċċezzjoni tifforma l-bażi tar-raba' premessa fil-kontro-talba (ara premessa numru 4).Fit-tieni talba rikonvenzjonali, l-Konvenut rikonvenjenti talab għaldaqshekk il-likwidazzjoni, okkorrendo permezz ta' periti nominandi, tad-danni allegatament sofferti "*konsistenti wkoll minn tiswijiet rimedjali*" u għal kundanna tal-Attur rikonvenut għal ħlas tal-ammont likwidat.

Iż-żewġ partijiet fil-kawża jissostanzjaw il-pretensjoni tagħhom rigward il-ħlas dovut lilhom b'kontijiet maħruġa minnhom stess annessi mal-affidavit rispettivi

tagħhom (ara a' fol 28 u 54, Dok JA1 u JA2 a' fol 31 u 33 u Dok AC6 a' fol 62). Il-Konvenut jinkludi wkoll ammont ta' €15,000 rifless f' riċevuta maħruġa minnu datata 15 ta' Novembru 2013 (a' fol 63).

L-Attur jissostanzja il-pretensjoni tiegħu li huwa ħallas il-flus għal parts b'numru ta' fatturi annessi mal-istess affidavit maħruġa minn numru ta' distributuri (ara fattura datata 21 ta' Jannar 2017 maħruġa minn Chris Sant fl-ammont ta' €259.60 a' fol 37; fattura li tidher datata 3 ta' Ġunju 2016 bla indikazzjoni minn fejn inħarġet f'ammont li jidher li hu ta' €581.24 a' fol 38; tlett fatturi datati 4 ta' Awwissu 2017, 19 ta' Jannar 2018 u 14 ta' Novembru 2017 maħruġa minn CF Supplies fl-ammont ta' €82.60, €1,342.11 u €77.88 rispettivament a' fol 39, 44 u 45; fattura datata 22 ta' Jannar 2018 maħruġa minn Sant Bros. Commercials Ltd fl-ammont ta' €118.88 a' fol 40; fattura datata 6 ta' Mejju 2017 maħruġa minn CCH Distributor Filtration fl-ammont ta' €1,021.81 a' fol 41; erbgħa fatturi datati 8 ta' Diċembru 2014, 9 ta' Settembru 2014, tnejn duplikati datati 19 ta' Jannar 2018 u tnejn duplikati datati 3 ta' Awwissu 2017 maħruġa minn Mario Garage fl-ammont ta' €114.46, €415.95, €862.58 u €252.82 rispettivament a' fol 42, 43, 46 u 47, 49 u 50; fattura maħruġa minn Gold Export S.R.L. b'data u ammont li ma humiex viżibli a' fol 48).

Il-Konvenut jissostanzja l-pretensjoni li huwa sofra danni f'tiswijiet rimedjali bl-istess mod bħall-attur u ċjoè b'numru ta' fatturi annessi mal-affidavit tiegħu (fattura datata 3 ta' Settembru 2018 maħruġa minn Charles Azzopardi fl-ammont ta' €5,900 a' fol 57, fattura datata 6 ta' Diċembru 2018 maħruġa minn Joseph Camilleri fl-ammont ta' €483.80 a' fol 59, fattura datata 30 ta' Jannar

2018 maħruġa minn Tony Engineering fl-ammont ta' €188.80 a' fol 60 u fattura datata 7 ta' Marzu 2017 maħruġa minn UNEC Servicing Limited fl-ammont ta' €1,650 a' fol 61). Il-fattura a' fol 57 hija wkoll akkumpanjata b'irċevuta a' fol 58 fil-waqt li l-fattura a' fol 61 hija akkumpanjata minn '*job sheet*' preżentata a' fol 117.

Fin-noti rispettivi tagħhom, il-partijiet attakaw il-veraċitá tal-verżjonijiet ta' xulxin. F'paġna 6 paragrafu 4 tan-nota tiegħu, il-Konvenut jimpunja d-dokumenti annessi mal-affidavit tal-Attur billi jemfasiżża li "*f'dawn id-dokumenti ma hemm ebda referenza għall-esponenti, u għalhekk ma tirriżulta assolutament ebda rabta bejn dawn id-dokumenti u l-esponenti.*" Dan huwa veru. Madankollu huwa veru wkoll fil-konfront tal-Konvenut stess. Kif aċċenna l-Attur fin-nota tiegħu a' fol 161, l'ebda mit-tranżazzjonijiet effettwati mill-Konvenut kif joħorġu mid-dokumenti preżentati mal-affidavit tiegħu u x-xhieda prodotti minnu ma juru li dan sar b'rabta max-xogħol suppost ħażin tal-Attur (ara xhieda ta' Charles Azzopardi a' fol 64 u 132, Danilo Overend in rappreżentanza tas-soċjetá UNEC Servicing Limited a' fol 73 u 130 u Joseph Camilleri a' fol 92).

L-Attur fin-nota tiegħu jissottometti wkoll li l-kont kif maħruġ mill-Konvenut huwa fittizju u bla bażi inter alia għaliex, b'referenza għax xhieda tal-Konvenut a' fol 143 u 144, anqas biss kien jaf kemm suppost għandu allegatament jieħu mingħand l-Attur. Dan huwa minnu wkoll.

B'dana kollu, l-Attur ukoll wera konfużjoni sħiħa fl-ammont li qed jippretendi li huwa dovut lilu. Tant li, kif sewwa issottometta l-Konvenut, l-ammont indikat fil-

fatturi preżentati minnu (uħud minnhom duplikati) ma ġewx riflessi fil-kontijiet maħruġa mill-Attur stess. Dan apparti wkoll, li wħud minnhom nħarġu fis-sena 2018, jiġifieri fiż-żmien fejn l-Attur ma kienx għadu jippresta s-servizzi tiegħu lill-Konvenut. Magħdud dan kollu hemm id-diskrepanza flagranti, sollevata diversi drabi mill-konvenut fin-nota (fol 14), risposta (fol 18) u nota finali (paġna 7), fl-ammont li l-Attur intima l-Konvenut biex iħallas. Fl-ittra uffiċjali numru 290/18 (fol 15), l-Attur intima l-Konvenut biex iħallas l-ammont ta' €14,167 mentri fil-proċeduri in eżami l-Attur qed jintima l-Konvenut biex iħallas l-ammont ta' €23,809.04. Din id-diskrepanza ser tkun qed tittieħed minn konsiderazzjoni meta l-Qorti ser tiġi biex tillikwida id-danni bil-mod kif ser jingħad 'l quddiem.

Daqskemm din id-diskrepanza ddgħajjef il-pretensjoni tal-Attur, daqshekk ieħor ir-risposta tal-Konvenut għall-ittra uffiċjali (a' fol 16). F'din ir-risposta l-Konvenut ma ressaq ebda ilment li l-Attur wettaq lilu xi xogħol ħażin. Huwa llimita ruħu biss billi oġġezzjona fuq ir-raġuni li għandu kreditu fil-konfront tal-Attur mingħajr ma ppreċiża kemm hu fil-fatt dan il-kreditu. Li kieku x-xogħol tal-Attur kien tassew daqshekk ħażin, il-Konvenut kien ċertament jirreġistra dan fir-risposta għall-ittra uffiċjali. Li kieku l-Konvenut kien jaf fiċ-ċert l-ammont ta' kreditu, li skontu huwa dovut lilu mill-Attur, ma kienx joqgħod lura milli jindikaħ fl-istess risposta. Dan kollu qed jingħad in aġġiunta ma' dak li ser ikompli jkun osservat aktar 'l isfel.

Ma hemm ebda dubbju, li f'xi ħin il-partijiet kellhom relazzjoni aktar minn tajba tant li l-anqas riċevuti tal-ħlas ma kienu joħorġu lil xulxin. Huwa x-xhud Mario Micallef, li għal xi żmien kien jaħdem mal-Attur, li pitter tajjeb din ir-relazzjoni.

Dan għamlu fis-seduta tat-30 ta' April 2019 meta xehed b'referenza għall-kontijiet:

"*Li kienu jirranġaw dejjem kienu jirranġawhom bejn Jesmar u hu. Iġifieri kontijiet qatt ma naf li ħarġu jiena"* (a' fol. 68 tergo).

Il-*modus operandi* ta' bejn il-partijiet, ħoloq problemi lill-Qorti minħabba n-nuqqas ta' kjarezza tal-mod li kienu jħawwdu l-affarijiet bejniethom u dan sabiex tkun tista' tasal għal dak li huwa dovut bi preċiżjoni lil kull parti. In mankanza assoluta ta' riċevuti tal-ħlasijiet li kull waħda mill-partijiet allegat li għamlet lill-oħra, ma għen xejn lil din il-Qorti biex tkun tista' tagħmel konteġġi preċiżi.

Apparti, li kull parti għandha l-piz li tipprova dak li tallega, meta jiġi allegat ħlas, ir-rilaxx ta' riċevuta mill-kreditur hija prova primarja, l-iprem u l-aqwa prova, b'mod partikolari meta jkun hemm diverġenzi kbar fix-xhieda tal-partijiet, bħal ma huwa l-każ li għandha din il-Qorti. Di fatti iż-żewġ partijiet jallegaw li ħallsu. L-Attur jgħid li ħallas għax-xogħol li għamillu l-konvenut fuq xi ħitan tas-sejjiegħ u twaqqiegħ ta' xi saqaf (ara a' fol 29). Il-konvenut minn naħa l-oħra jgħid li dejjem ħallas regolarment (a' fol 54). <u>Imma riċevuti xejn.</u>

**Fis-Sentenza fl-ismijiet Angelo Scicluna -vs- John Scerri deċiża, Qorti tal-Kummerċ, tat-30 ta' Mejju 1951** ingħad illi *"hu ċar li l-fatt tar-riċevuta, kieku kien hemm, kien ikun prova ta' pagament. Jekk hemmx il-konsegwenza hi biss li tonqos dik il-prova".* B'dan ma jffisirx li l-prova l-ħlas ma jistax isir b'mezzi oħrajn ta' natura sekondarja (Ara **Sentenza fl-ismijiet John Grech -vs- Direttur tas-Sigurta` Soċjali deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fis-**

**17 ta' Ottubru 2008**). Iżda din il-Qorti tistqarr ukoll, li l-provi prodotti f'din il-Kawża huma opaki u konfuzzjonali.

Anke ix-xhieda imressqa inkwantu l-ilment tal-konvenut li l-Attur ma għamilx xogħol skont l-arti u s-sengħa, dawn ma jwasslux lil din il-Qorti biex serenament tgħid, li l-produzzjoni tagħhom kienet relatata mal-mertu tal-Kawża. Per eżempju dawk imressqa mill-Konvenut u ċioe' Charles Azzopardi, Danilo Overend, ma jgħidux li x-xogħoljiet rimedjali li kienu inkarigati li jagħmlu mill-konvenut, kienu in konnessjoni max-xogħol li kien diġa' kien għamel l-Attur. Hadd minnhom ma semma' li l-konvenut indikalhom lill-Attur (ara a' fol 64, 65, 73 u 74). Il-Qorti tfakkar, li fil-kontro-talba tiegħu stess il-konvenut jippremetti li "*fil-kors tax-xogħol tiegħu l-esponenti jopera* ***numru*** *ta' vetturi u makkinarju kummerċjali inkluż trucks u gaffef"* (Emfażi tal-Qorti).Għalhekk bix-xhieda tal-imsemmija, il-konvenut ma rnexxilux jipprova li dawn ir-riparazzjonijiet saru fuq **dawk** l-inġenji li kien ħadem fuqhom l-Attur, meta kif jistqarr il-konvenut stess, kellu numru ta' dawn l-inġenji. Imma anke li kieku, riedet tinġieb ukoll il-prova, li l-Attur tassew ma kienx esegwixxa xogħolu skont l-arti u s-sengħa. L-anqas rapport ex-parte ma ġie preżentat **qabel** ma saru ix-xogħolijiet inkwistjoni.

Huwa dejjem awspikabbli, li meta jkun hemm ħsieb li issir kawża abbażi ta' pretensjonijiet bħal dawn, ix-xogħoijiet rimedjali ma jsirux qabel ma tkun hekk preżentata l-Kawża għal raġunijiet ovvji ta' kontroll probatorji. Dan dejjem jekk il-konvenut f'din il-Kawża kellu ħsieb li jipproċedi kontra l-Attur, indipendement mill-proċeduri odjerni li provokaw it-talbiet rikonvenzjonali. Fi kwalunkwe każ, il-konvenut dejjem kellu l-fakolta' li, jekk jidhirlu li x-xhieda li ressaq ma kienitx

sodisfaċenti u effikaċi, seta' jitlob il-ħatra ta' perit espert mill-Qorti fir-rigward ta' pretensjoni bħal din. Iżda dan ma għamlux. Għalhekk it-tieni talba rikonvenzjonali ser tkun deċiżivament miċħuda.

In kwantu ix-xorta ta' piż li għandha tingħata lill-provi imressqa f'kawża ssir ukoll referenza għal dak li fis-**Sentenza fl-ismijiet Emmanuel Ellul et -vs- Anthony Busuttil deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri tas-7 ta' Mejju 2010** :

*"Illi minbarra dan, il-parti attrici ghandha l-obbligu li tipprova kif jmiss il-premessi ghat-talbiet taghha b'mod li, jekk tonqos li taghmel dan, iwassal ghal-helsien tal-parti mharrka (ara App. Inf – JSP. 12.01.2001 Hans J link et vs Raymond Mercieca). Il–fatt li l-parti mharrka tkun resqet verzjoni li ma taqbilx ma dik mressqa mill-parti attrici ma ffissirx li l-parti attrici tkun naqset minn dan l-obligu, ghaliex jekk kemm il-darba l-provi cirkostanzjali, materjali jew fattwali jaghtu piz lil dik il-verzjoni tal-parti attrici, l-Qorti tista taghzel li toqghod fuqhha u twarrab il-verzjoni tal-parti mharrka. Minn naha l-ohra, il-fatt li l-parti mharrka ma tressaqx provi tajba xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attrici, ma jehlisx lil din mill tipprova kif jmiss l-allegazzjonijiet u l-pretenzjonijiet taghha."*

Huwa għalhekk li l-liġi tesiġi li l-parti f'kawża għandha tipprova dak li tallega (Art. 562 tal Kap.12) u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova. (Art. 559 tal. Kap. 12). Dan huwa l-prinċipju antik Ruman ta' *ei qiu allegat onus probandi incumbit*.

Tabilħaqq, ħadd mill-partijiet ma ssodisfa l-piż tal-prova bil-mod kif tirrikjedi l-liġi sabiex din il-Qorti tkun tista' tasal għall-ammonti preċiżi li kull parti qed tippretendi mingħand l-oħra. L-ebda wieħed mid-dokumenti preżentati minnhom

ma jikkostitwixxi prova oġġettiva u konkludenti li turi b'konvinzjoni l-veraċitá tal-ammont rifless fil-kontijiet rispettivi tagħhom. Għar-raġunijiet indikati wkoll mill-partijiet stess fin-noti tagħhom, id-dokumenti preżentati minnhom ma humiex biżżejjed biex minnhom infushom iservu bħala l-aħjar prova ai termini ta' l-artikolu 559 tal-Kap. 12.

L-istess l-anqas ma' juru b'mod tanġibbli u konkret in-ness bejn l-ammonti tad-danni pretiżi u s-servizz prestat/materjal mixtri jew riparazzjonijiet effettwati.

Pero' din il-Qorti xorta temmen, li minkejja il-provi konvulżivi u konfużi tal-partijiet, li xi ħlasijiet huma dovuti reċiprokament bejn il-partijiet. Għalhekk, li kieku din il-Qorti kellha tirriġetta għal kollox il-pretensjonijiet taż-żewġ partijiet tkun qed twettaq inġustizzja. Iżda l-attrit ta' bejn il-partijiet huwa evidenti, u ma hemm ebda dubbju li pretensjonijiet reċiproci huma miftuħa. Żewġ fatturi, li fost konsiderazzjoniet oħrajn, ser ikunu qiegħdin jittieħdu inkonsiderazzjoni ai fini ta' likwidazzjoni ta' ammonti.

F'sitwazzjoni bħal din jiġi adoperat il-prinċipju tal-*arbitrio boni viri*, imnissel mill-konsiderazzjoni ta' ġustizzja ekwittativa, prinċipju li ma jħalliex inġustament insodisfatti l-pretensjonijiet ta' partijiet fil-kawża, minħabba d-disorganizzazzjoni fil-kwalita' ta' provi imressqa in sostenn tal-pretensjoni meta jkun jidher li xi xorta ta' raġun ikun tassew jeżisti. Għalhekk "*kif inhu ormai konswet fejn il-mezzi probatorji ma jwasslux bi precizjoni ghad-determinazzjoni ta' l-ammont reklamat jew pretiz, il-Qorti ser taddotta invece ir-regola ta' l-arbitrio boni viri fejn l-ammont jigi stabbilit ex aequo et bono mill-gudikant*" (Ara **Sentenza tal-**

**Prim'Awla tas-16 ta' Gunju, 2003, fl-ismijiet George Scerri -vs- Peter Redman nomine**).

Dan it-tagħlim imnissel mill-prinċipji antiki rumani ta' *quantum iudici aequum (et bonum) tannate pecuniae condemnato*. Huwa ukoll konsonanti ma dak li josservaw l-awturi fuq din il-materja (per **eżempju Alberto Trabucchi Istituzioni Di Diritto Civili, 27th Ed Cedam, pg.567** u kif ukoll **Giovanna Visintini, Trattato Breve della Responsabbilita' Civile, Cedam, pg 512**).

F'dan ir-rigward jintqal ukoll hekk:

*'In tema di liquidazione equitativa del danno (nella specie, da fermo tecnico di un velivolo), al fine di evitare che la relativa decisione si presenti come arbitraria e sottratta ad ogni controllo, è necessario che il giudice indichi, almeno sommariamente e nell'ambito dell'ampio potere discrezionale che gli è proprio, i criteri seguiti per determinare l'entità del danno e gli elementi su cui ha basato la sua decisione in ordine al "quantum".'* (**Cass. civ. n. 2327/2018)**

Il-Qorti għalhekk qieset li għandha tistrieħ fuq dak li huwa raġjonevoli u li b'xi mod huwa sufragat mill-provi li minn dawk kollha imressqa huma l-aktar ċari.

Sa fejn jirrigwarda ammonti dovuti lill-Attur, il-Qorti tgħid, li kif diġa' rilevat aktar 'l fuq, hemm diskrepanza bejn dak li talab l-Attur fl-ittra uffiċjali tiegħu tal-ewwel ta' Frar 2018 u ċioe' €14,167 u dak li qiegħed jitlob f'din il-Kawża, ċioe' €23,809.04 (a' fol 15). Il-Qorti għalhekk ser tkun qed tillikwida *arbitrio boni viri* l-ammont mitlub f'dik l-ittra uffiċjali bħala dak mistħoqq lill-Attur u ċioe €14,167.

Minn naħa l-oħra l-Attur jgħid li kwantu għal dak pretiż mill-konvenut u ċioe' ħlas ta' xogħolijiet ta' twaqqiegħ u kostruzzjoni huwa ħallsu l-ammont ta' €3,500 iżda

riċevuta tal-ħlas ma hemmx. L-anqas ma hemm provi ta' natura sekondarja biex forsi jikkorrobaraw dan il-ħlas. Għalhekk il-Qorti ser tkun qed tillikwida favur il-konvenut *arbitrio boni viri* s-somma imsemmija. Finalment, din il-Qorti tinnota li b' "kumbinazzjoni", l-ammont li llikwida l-konvenut huwa kważi pari mal-ammont li qiegħed jippretendi l-Attur.

**Decide**

Għaldaqstant din il-Qorti qiegħda għar-raġunijiet fuq imsemmija taqta' u tiddeċiedi l-kawża bil-mod segwenti:

**Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni ta' l-ewwel talba Attriċi peress li hija eżawrita.

**Tilqa' l-ewwel talba Attriċi** fl-ammont ta' erbgħatax -il elf mija u sebgħa u sittin ewro (€14,167) u tikkundanna għalhekk lill-konvenut jħallas l-imsemmi ammont bl-imgħaxijiet legali mill-lum sal-pagament effettiv.

**Tilqa' l-ewwel talba** tal-konvenut rikonvenzjonat limitatament għall-ammont ta' tlett elef u ħames mitt ewro (€3,500) u tikkundanna lill-Attur rikonvenzjonat iħallas din is-somma bl-imgħaxijiet legali minn din is-Sentenza sal-pagament effettiv.

**Tiċħad it-tielet talba** tal-konvenut rikonvenzjonat għar-raġunijiet fuq spjegati.

Spejjeż kemm tar-rikors ġuramentat u kif ukoll tal-kontro-talba jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**